# Il-Ġimgħa l-Kbira
## *il-Bieraħ u Llum*

*kitba ta'* **Tony TERRIBILE**



**Dawk** kollha li bħali qabżu l-erbgħin sena, u kienu midħla tal-Knisja, jafu bid-differenza kbira li teżisti bejn il-Ġimgħa l-Kbira ta' llum u l-Ġimgħa l-Kbira ta' dari. L-ewwel riforma fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira għamilha l-Papa Piju XII fl-1958 u fl-1972 saret riforma oħra mill-Papa Pawlu VI u b'hekk il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ġew mogħtija r-riti li għandhom illum.

Dan ma' dawn il-jiem għeżież, il-poplu tagħna rabat drawwiet sbieħ u għeżież li llum ħafna minnhom jiddispjaċik li tarahom spiċċaw jew li qegħdin imutu ftit ftit.

Xieraq li permezz ta' din il-kitba qasira nfakkru xi wħud minn dawn id-drawwiet, biex hekk il-ġenerazzjoni ta' llum titgħallem is-sewwa ta' dak li kienu jwettqu l-Maltin ta' qabilhom.

### *Ir-Randan*

L-erbgħin jum ta' tħejjija għall-Għid il-Kbir kienu tabilħaqq erbgħin jum ta' penitenza stretta. Is-sawm kien obbligatorju kuljum minbarra l-Ħdud u f'dawn il-jiem tal-penitenza, l-ikla prinċipali kienet tista' ssir darba biss matul il-jum.

Il-ħalib kien jista' jittieħed darba biss matul il-ġurnata. F'dawn il-ġranet kienet popolari d-devozzjoni tal-*Via Sagra* u fil-knejjes tagħna kont tara sriebet twal ta' nies jwettqu din id-devozzjoni.

F'wieħed mill-Ħdud tar-Randan kienet issir il-festa tal-*Via Sagra*. Kienu jsiru erbatax-il priedka, waħda fuq kull stazzjon u bejn stazzjon u ieħor kienu jitkantaw xi lamentazzjonijiet jew responsorji.

Matul dawn l-erbgħin jum kien ukoll ipprojbit li jsiru żwiġijiet solenni. Jekk kien isir xi wieħed għal xi bżonn speċjali, dan kien ikun bla ebda solennità, bla daqq ta' orgni u f'wieħed mill-altari laterali. Kien ukoll ipprojbit li jindaqqu moti f'dawn il-jiem iżda kienu jindaqqu tokki alternati b'żewġ qniepen żgħar.

L-orgni ma kienx jintuża fil-quddies kantat tal-Ħdud tar-Randan imma kien jintuża biss l-armonju, u fjuri ma kienux jiġu armati fuq l-altar maġġur.

### *L-Eżerċizzi*

Dawn għadhom isiru sa llum iżda fl-imgħoddi kienu jsiru bil-wisq differenti. Dawn kienu jibdew mill-Ħadd u jispiċċaw l-Ħadd ta' wara. Kienu jsiru żewġ priedki, imma waħda minnhom kellha forma ta' disputa.

L-għeluq ta' dawn l-eżerċizzi kien isir b'mod l-aktar solenni. Fl-aħħar tal-priedka kienet tingħata l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-indulġenzi, kien jitkanta *Te Deum* solenni u titkanta l-*Libera* b'tifkira ta' dawk l-erwieħ li jkunu ħallew l-elemożina biex isiru dawn il-priedki.

Dawn il-priedki ma kienux isiru fuq il-pulptu iżda taħt nava tal-knisja, kien jintrama palk għoli bil-kurċifiss kbir imwaħħal fit-tarf tiegħu, u bil-kwadru tad-Duluri taħtu.

Qabel kull priedka kien jitkanta l-*Veni Creator* bil-latin. F'dawn il-priedki, il-predikaturi kienu jħeġġu lill-poplu biex jaqdi dmiru billi jwettaq it-tqarbina magħrufa bħala tal-Preċett.

Għalhekk fit-Tielet Ħadd tar-Randan kien jiftaħ iż-żmien li fih



*Il-Banda Nicolò Isouard tipparteċipa fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1954.*

l-Insara kienu jwettqu wieħed mill-preċetti tal-Knisja, billi jitqarben għal żmien l-Għid. Għal din l-okkażjoni kienu wkoll jinbidlu l-'Bulettini'. Dan kien speċi ta' santa ta' tifkira li wettaqt id-dmir. L-Arċiprieti u l-Kappillani kienu stretti ħafna fuq dan id-dmir. Dan l-obbligu 'tal-Preċett' kien jintemm f'Ħadd it-Trinità.

Nota oħra interessanti dwar l-eżerċizzi kienu s-siġġijiet tal-knisja. Fl-imgħoddi l-knejjes tagħna kienu bis-siġġijiet u s-sagristan tas-siġġijiet, matul il-ġimgħat tal-eżerċizzi kien jiġborhom kollha ħdejn il-bieb il-kbir, u kulmin jidħol għall-eżerċizzi kien irid imur għand is-sagristan li jagħtih sitt ħabbiet biex b'hekk ikollu s-siġġu.

## Ħadd Lazzru

Il-Ħadd ta' qabel Ħadd il-Palm, kien magħruf bħala l-Ewwel Ħadd tal-Passjoni jew inkella Ħadd Lazzru billi f'dak il-Ħadd kien jinqara r-rakkont tal-Qawmien ta' Lazzru.

Għal din l-okkażjoni, il-knejjes tagħna kienu jieħdu xejra mhux tas-soltu billi kull kwadru, salib u niċċa tiġi mgħottija b'velijiet skuri. Dawn kienu jagħtu dehra tant trista lill-knejjes tagħna u kienu jgħinuk biex tidħol fl-ispirtu tal-festi li jkunu riesqa.

F'dawk il-knejjes li kellhom id-damask kien ukoll jibda jiġi armat u l-istatwi tal-purċissjoni jibdew jiġu armati fil-knejjes. Ma' kull statwa kienet issir tifkira xierqa u f'xi parroċċi kienet issir ukoll purċissjoni b'dik l-istatwa.

## Ħadd il-Palm

Nhar Ħadd il-Palm il-purċissjoni u l-quddiesa kienet issir fil-għodu u dan kien minn dejjem. Il-Passju kien jitkanta bil-latin, il-parti tal-poplu kantata mill-kor li konna nsejħulha 'It-Torba'. Fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem numru kbir ta' fratelli bl-istandardi tagħhom, terzjarji, eċċ.

Wara li f'Ħadd Lazzru, rajna l-kwadri mgħottija, f'dan il-Ħadd kienu jitgħattew it-twieqi kollha tal-knisja bi drapp iswed, hekk li l-knejjes tagħna kien ikollhom dehra tant ta' dlam u trista.

## L-Erbgħa tat-Tniebri

Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, is-saċerdoti kienu jkantaw is-salmi u r-responsorji, u wara l-kant ta' kull wieħed, kien joħroġ abbati fuq il-presbiterju, u jitfi waħda mix-xemgħat ta' lewn kannella li kienu jkunu armati f'kandilabru ta' l-injam ta' għamla ta' trijangolu li kien ikun armat f'tarf il-presbiterju.

Għal din l-okkażjoni, ix-xemgħat ta' l-altar maġġur kienu jkunu ta' lewn kannella u mhux bojod. Għal din il-funzjoni kienu jattendu numru ta' tfal, mhux biex ikantaw is-salmi bil-latin imma biex meta l-abbati jitfi l-aħħar xema', huma kienu jagħmlu 'terremot' sħiħ billi jibdew iħabbtu s-siġġijiet, isabbtu mal-bibien, ma' l-antiporti u mal-konfessjonarji, jgħollu u jsabbtu s-sedji tal-kor, f'kelma waħda kien isir storbju sħiħ bħala tifkira tat-terremot li kien sar meta miet Kristu.

Din ix-xena, li kienet tradizzjonali f'kull knisja, kienet dejjem tispiċċa b'ħafna seksik, u għajjat ta' "biżżejjed" mix-xjuħ u mis-sagristani tal-knisja.

## Ħamis ix-Xirka

Il-funzjoni ta' ħasil is-saqajn ta' l-appostli kienet issir fil-għodu u għalhekk il-knisja ma kinitx tkun mimlija. Kienet tkun quddiesa kantata bil-ministri u l-ewwel parti, jiġifieri sal-kant tal-Glorja, kien jintuża l-orgni, wara kien jintuża l-armonju.

Il-qniepen kienu jdoqqu l-Glorja u wara jieqfu u tibda tintuża ċ-ċuqlajda. Wara t-tqarbina taċ-ċelebrant, hu kien iqarben lis-saċerdoti li dawn ma kienux jużaw il-plattin iżda żewġ abbatini kienu jistiraw terħa u jersqu quddiemha.

Wara kienu jibdew il-viżti tas-sepulkru li f'dak iż-żmien kien ikkunsidrat li hu l-qabar ta' Kristu. Il-viżti tas-sepulkru kien fihom dehra impressjonanti, b'mod speċjali fil-għaxija.

Mijiet ta' nies kienu joħonqu l-knejjes tagħna f'din il-lejla. Kull fratellanza, terz ordni u każin kienu jorganizzaw dawn il-viżti tas-sepulkru, immexxijin dejjem minn saċerdot li jimxi minn knisja għall-oħra wara salib tal-*Via Sagra* u żewġ fanali.

## Ġimgħa l-Kbira

Il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu kienet tisbaħ bħala ġurnata ta' luttu, bi bnadar mezz'asta fuq il-bjut, ħwienet magħluqa b'faxxa sewda mwaħħla magħhom, u bieba waħda tal-bibien tad-djar magħluqa.



*Is-sepulkru kif kien jiġi armat fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta.*

L-irġiel kienu kollha jilbsu l-ingravata sewda u n-nisa b'ilbies skur. Kull post tad-divertiment, bħaċ-ċinema, u saħansitra l-ħwienet tax-xorb tal-baħrin, kienu wkoll jinżammu magħluqa.

Fil-knejjes f'nofsinhar kienet tibda l-priedka tat-'Tlett Siegħat' li fiha xi predikatur magħruf kien jagħmel priedka fuq l-aħħar kelmiet ta' Ġesù fuq is-salib.

Għal din l-okkażjoni fuq il-presbiterju kien jintrama Kurċifiss kbir, u wara l-aħħar priedka mat-talba tal-predikatur, is-saċerdoti kienu joħorġu mill-kor u jitilgħu fuq is-slielem u jaqilgħu lil- Ġesù minn mas-salib u jniżżluh fuq sodda u n-nies titla' tbusu. Kienet ċerimonja impressjonanti ferm. Tqarbin f'din il-ġurnata ma kienx isir.

F'din il-ġurnata ma kontx tara bejjiegħa ta' ħelu, pastizzi u *sandwiches*, iżda kulħadd kien ikun sajjem u kont tara biss bejjiegħa tal-karamelli tal-ħarrub.

Il-purċissjonijiet kienu jsiru bħal-lum, imma b'mod differenti, ma kellhomx id-dehra tal-lum. Kont tara biss fratelli lebsin il-konfratija u xi wħud minnhom iġorru l-ktajjen jew xi salib, xi tfal lebsin tal-Lhud u l-vari. Illum dawn il-purċissjonijiet huma bil-wisq isbaħ.



*L-istatwa ta' Kristu msallab jew aħjar il-Vara l-Kbira, fuq l-artal maġġur fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta, meta kienet tiġi mtella' għall-waqt il-priedka tat-"Tliet Siegħat". Tradizzjoni li issa ilha ħafna snin li nqatgħet.*

## Sibt il-Għid

Il-funzjoni ta' Sibt il-Għid kienet issir fil-għodu u għal ħabta ta' l-għaxra kienet tindaqq il-Glorja. Fil-funzjoni tal-knisja, mal-kant tal-Glorja, l-inkwadri kienu jikxfuhom kollha u n-nisa kienu jagħmlu kull mezz biex jiksbu xi ftit fjuri tas-sepulkru biex biħom jaħslu lit-tfal żgħar tagħhom. In-nisa kienu wkoll jbaħħru d-djar tagħhom u xi tfal imqarqċin kienu jaqbżu l-baħar.

Illum ħafna minn dawn id-drawwiet spiċċaw u oħrajn naqsu sew, iżda kollha huma xhieda kemm minn dejjem il-poplu ta' dawn il-gżejjer kellu għal qalbu dawn il-ġranet għeżież.



*Ritratt antik ta' l-istatwa għażiża ta' Kristu mgħobbi bis-salib jew kif inhi magħrufa aħjar, ir-Redentur. Wieħed kien jinnota n-numru kbir ta' rġiel ikaxkru l-ktajjen wara din l-vara fil-purċissjoni tal-Mosta. Tradizzjoni li għadha ssir kull sena, wara li saret riforma tal-parteċipanti ftit snin ilu mill-Arċipriet Joe Carabott.*

*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu, nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2002, fil-Każin Nicolò Isouard fl-okkażjoni fil-ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Vari, Ritratti u Tradizzjonijiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa ta' l-imgħoddi.*